MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' Settembru, 2011

Numru 1051/2011

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Mercieca)

vs

Aaron Brydon
Matthew Borg

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra Aaron Brydon ta' 18-il sena iben William George u Maria Dolores nee' Grech mwieled Pieta fit-13 ta' Dicembru 1992 u residenti 2, Dorwill, Triq il-Biedja Mosta, ID 586292 (M)

U

Matthew Borg ta’ 19-ils ena iben Alexander u Josephine nee’ Camilleri mwieled Pieta fil-5 ta’ Awissu 1992 u residenti 27, White Lily, Triq S Fiteni, Mosta, ID 376392 (M)

Akkuzati talli fis-26 ta’ Lulju 2011 ghall-habta ta’ 10.15pm fi Triq il-Hanqa (hdejn il-Klabb tal-Bocci), Mosta:

1. flimkien ma persuna ohra, kkommettew serq ta’ ghadd ta’ oggetti, fosthom tlett mobile hpones, minn fuq il-persuna ta’ Max Despott, liema serq huwa aggravate bil-vjolenza, ai termini ta’ l-Artikolu 262 (1) (a) (b) tal-Kapitolu 9, bil-valur, li ma jeccedix l-elefjn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), u bil-hin, liema serq sar ghad-dannu ta’ l-istess Max Despott, u/jew ta’ persuna/i u/jew xi entita u/jew entitajiet ohra;
2. minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta’ Max Despott f’periklu car, ikkagunaw griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Max Despott, skond kif ccertifika Dr Anthony Harvey M.D. mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta;
3. bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Max Despott kontra il-volonta’ tieghu u meta l-istess Max Despott gie offiz fuq il-persuna tiefghu u/jew mhedded bil-mewt;

Semghet lill-imputati fl-udjenza ta’ llum jirregistraw ammissjoni, f’liema baqghu jinsistu anke wara li l-Qorti taghthom zmien jirrikonsidraw.

Fuq tali ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibhom hatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom;

Rat l-Artikolu 86, 87(c), 221(1), 261 (a) (c) (6), 262 (1) (a)(b)(2), 267, 270, 274 (c), 275, 277 (a), 279 (a), 31 u 17 (h) tal-Kap 9;

Tiddeciedi li tilliberahom bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal tliet snin m illum u bl-applikazzjoni tal-

Artikolu 24 tac-citat Kap, tikkundannahom u tordnalhom li jhallsu €680 lill-parti leza Max Despott, zmien mhux oltre sena  mil lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------